# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 24/2025**

Data: L-Erbgħa 23 ta' Lulju 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Chev Darren Marmara (17:47 hrs) | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:35 hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul (17:36 hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

24.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

24.2 MINUTI

24.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

24.4 KORRISPONDENZA

24.5 PLANNING AUTHORITY

24.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

24.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

24.8 MISTOQSIJIET

24.9 MOZZJONIJIET

24.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

24.11 FINANZI

24.12 TRAFFIC MANAGEMENT

24.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

24.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

24.15 STAFF

24.16 PURCHASE REQUEST FORM

24.17 ĦLASIJIET

24.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 24.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**24.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 24.2 MINUTI

**24.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7207/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 22/2025 bid-data 18 ta' Ġunju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7208/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 23/2025 bid-data 14 ta' Lulju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**24.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.4 KORRISPONDENZA

**24.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza mingħand is-Segretarju tas-Sotto Kumitat Onorifiċenzi, fejn qed jerġa jfakkar lill-membri tal-Kunsill sabiex jimlew il-formola tan-nomini għal Jum il-Fgura peress li tagħlaq fl-aħħar tax-xahar. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok A'.

**24.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand residenta li waqgħet fi Triq Mater Boni Consigli minħabba tapp tal-ilma u mhux minħabba l-bankina. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex minn naħa tal-Kunsill jiġi ċċekkjat jekk dan it-tapp tal-ilma huwiex tal-Water Services Corporation u jekk huwa tagħhom, jiġu jirranġawh.

## 24.5 PLANNING AUTHORITY

**24.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ser ipoġġi fuq il-mejda tal-kamra, it-talba li kellu mingħand il-Viċi Sindku, il-Kuns J Scicluna u l-Kuns A Tanti, rigward il-'breakdown' tal-ispejjeż sabiex tiġi approvata allokazzjoni ta' fondi addizzjonali, relatati mal-appell li ġie ppreżentat f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li fl-'email' li ntbagħtet lill-membri tal-Kunsill annessa bħala 'Dok B', din kienet ċara ħafna li dawn huma biss proċessar tat-tribunal, li jikkonsisti f'€3550. Is-Sindku qara ittra ta' ringrazzjament annessa bħala 'Dok Ċ'.

## 24.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**24.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li reġgħet waslet l-polza tal-assigurazzjoni għall-membri tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7209/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas ta' €585 għal Ċir AKL 2025/044 Group Life Policy 2025-2026 għal membri eletti.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva 'email' mid-Dipartiment biex jieħu sehem fil-'Blue Heart Campaign' bi skop ta' għarfien għal kontra l-'human trafficking'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7210/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jieħu sehem fl-inizjattiva Blue Heart Campaign hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li attenda għal laqgħa mtellgħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) rigward ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, fejn kien hemm preżenti CEO tal-ARMS. Is-Sindku qal li kien hemm diskussjoni, u qamu dubji kemm minn naħa tas-Segretarji Eżekuttivi u anke Sindki dwar dawn il-ħlasijiet. Is-Sindku qal li ġie deċiż li kull reġjun jiltaqa mal-Kunsilli Lokali, minħabba li jista jkun hemm Kunsilli li ma jieħdux sehem u r-residenti jmorru f'Kunsill Lokali ieħor li hu l-aktar viċin tagħhom. Is-Sindku qal ukoll li għaldaqstant tqajmu dubji minħabba l-ħaddiema. Il-Kuns M Lombardo staqsa

x'inhuma t-termini u l-kundizzjonijiet, fejn għal dan is-Sindku wieġeb li minn fuq kull kont, il-Kunsill idaħħal €0.90 u li l-ħlasijiet isiru permezz ta' flus kontanti jew ċekkijiet biss. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li l-ANSEK ma qablitx ma' din l-inizjattiva u li d-diskussjoni għadha għaddejja.

**24.6.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill applika għall-iskema tal-'bicycle racks' fejn ġew indikati tlett siti bħala postijiet sabiex jitqgħiedu. Is-Sindku qal li dawn huma Triq A.M. Valperga ħdejn il-'ground' tal-futbol fejn hemm il-bankina wiesgħa, Triq Hompesch ħdejn il-Banif Bank u Triq Ħaż-Żabbar faċċata ta' Galleria.

## 24.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**24.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment rigward l-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ġiet approvata l-applikazzjoni għall-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka.

**24.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Sport Malta, fejn kellu laqgħa magħhom sabiex tiġi organizzata l-'car free day' li ssir ta' kull sena u mtliet l-applikazzjoni, bin-numru ta' nies li jattendu jkun bejn wieħed u ieħor dak ta' 100 persuna. Is-Sindku qal ukoll li aktar 'il quddiem, il-Kuns A Tanti japplika għall-iskema ta' Transport Malta fejn wara jiġi miftieħem min ser jieħu sehem, u jiġi kkalkulat in-numru ta' nies li ser jattendu biex kulħadd jieħu xi ħaġa b'xejn li tkun mgħotija minn Sport Malta.

**24.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-FSWS reġgħu għandhom tlett 'air conditions' oħra li mhux qed jaħdmu u għaldaqstant inġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu, fejn l-irħas kwotazzjoni hija dik ta' €5835. Wara diskussjoni, il-Viċi Sindku talab li jinġabru aktar kwotazzjonijiet biex tinstab kwotazzjoni irħas, minħabba li fl-opinjoni tiegħu l-irħas kwotazzjoni li nġabret hija għalja.

**24.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill juża l-bankarelli għal ħafna mill-attivitajiet li jiġu organizzati, fejn is-sena l-oħra ma nstabux bankarelli u kienu ġew għaljin. Is-Sindku qal li ġie deċiż li peress li l-Kunsill għandu Bye-Law fuq il-kiri tas-sala li tinkludi wkoll kiri ta' oġġetti, il-bankarelli jiġu maħduma u jibqgħu l-Kunsill fejn ikunu jistgħu jiġu użati kemm mill-membri tal-Kunsill kollha, kif ukoll jinkrew lill-terzi. Is-Sindku qal li nġabru l-kwotazzjonijiet fejn l-irħas waħda hija dik ta' €4990 bl-injam 'pine'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7211/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa għal 25 bankarella.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Il-Viċi Sindku

**24.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li reġgħet waslet l-'insurance' tal-binja tal-Kunsill fejn inġabru aktar kwotazzjonijiet u l-irħas 'broker' kien Thomas Smith Insurance Brokers. Is-Sindku qal li tkellmu magħhom hu u l-Kuns R Deguara peress li għandu l-esperjenza, minħabba li l-'insurance' tintalab f'kull attività tal-massa. Is-Sindku qal ukoll li ġew mgħotija l-attivitajiet il-kbar li jikkonsistu f'il-Pjazza fil-Milied, il-Karnival fil-Fgura, il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka, Jum il-Fgura u l-'Car Free Day', fejn aċċettaw li jdaħħluhom fl-istess 'insurance'. Il-Kuns C Bonello talab sabiex jiġi kkonfermat li l-attività tal-Milied tkun koperta fuq jumejn.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7212/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-insurance tal-binja skont l-irħas kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.8 MISTOQSIJIET

**24.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.9 MOZZJONIJIET

**24.9.1** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva mozzjoni mingħand il-Kuns C Bonello u l-Kuns M Lombardo annessa bħala 'Dok D'. Il-Kuns C Bonello qal li l-mozzjoni hija rigward studju li jissejjaħ 'carrying capacity', fejn dan huwa studju dwar il-kapaċita ta' kemm tiflaħ il-lokalita. Il-Kuns C Bonello, fost l-oħrajn semma l-parkeġġ u l-impatt fuq it-toroq u l-lokalita, il-bini, it-traffiku fit-toroq tal-Fgura, is-'side streets'u l-impatt soċjali, kummerċjali u infrastrutturali. Il-Kuns M Lombardo qal li fejn qabel il-kummerċ kien jinsab biss fil-'main roads' illum fil-Fgura jeżistu anke ħwienet

fis-'side streets', u semma wkoll l-ammont ta' karozzi pparkjati fil-Fgura li jistgħu jkunu tar-residenti, tal-impjegati jew sidien tal-ħwienet u anke ta' persuni li jiġu biex jixtru jew jużaw xi servizz. Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali fejn il-Gvern fl-2019 obbliga lir-Reġjuni sabiex isir 'social impact assessment', l-entita obbligata mill-Gvern biex tassigura l-impatt soċjali fil-lokalita, jista jintalab ukoll biex lil hinn minn dawn l-affarijiet, ikun hemm ukoll studju fuq l-affarijiet li semmew il-Kuns C Bonello u l-Kuns M Lombardo. Il-Kuns C Bonello qal li dan mhux possibbli għax il-liġi ma tippermettix dan, u hawn qamet diskussjoni. Is-Sindku qara dikjarazzjoni annessa bħala 'Dok E'.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni: Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' l-Iżvilupp – *'Carrying Capacity'*

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni m'għaddietx b'2 voti favur u 6 voti kontra.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Kuns C Bonello, Kuns M Lombardo

Kontra – Is-Sindku, il-Viċi Sindku, Kuns R Deguara, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

## 24.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**24.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.11 FINANZI

**24.11.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie ċċirkolat il-Quarter 2, fejn is-'surplus' li kellu l-Kunsill huwa ta' €370.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7213/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-2nd Financial Quarter ta' bejn April u Gunju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Il-Viċi Sindku

## 24.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**24.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza rigward Triq San Mikiel peress li qegħda fi stat ħażin ħafna, u għaldaqstant jixtieq iressaq mozzjoni sabiex tgħaddi għand Infrastructure Malta għall-attenzjoni tagħhom.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7214/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jitlob lil Infrastructure Malta biex isir il-bini mill-ġdid ta' Triq San Mikiel.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.12.2** Is-sindku nforma l-kamra li fi Triq il-Karmnu kien hemm problema minħabba li kien nieżel l-ilma, pero la kien ġej mid-dranaġġ u lanqas minn xi pajp tal-Water Services Corporation. Is-Sindku qal li ġew tas-sanita kif ukoll tal-Water Services Corporation, fejn instab li xi ġebel li kien waqa waqt li kienu qed isiru xi xogħolijiet, kien qed jimblokka s-sistema tad-dranaġġ u għalhekk kienet qed tinxtamm riħa tad-dranaġġ. Is-Sindku qal ukoll li tnaddfet is-sistema tad-dranaġġ. Is-Sindku kompla jgħid li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħlijiet fi Triq il-Karmnu wasal fl-aħħar biċċa tat-triq li tiġi n-naħa ta' Bulebel, fejn ser jingħata t-tarmak fuq naħa waħda u l-Water Service Corporation ser jiġu jagħmlu l-pajpijiet in-naħa l-oħra, biex wara jkun jingħata l-ewwel kors ta' asfalt, u wara jingħata l-asfalt it-triq kollha biex b'hekk Triq il-Karmnu tkun lesta.

## 24.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**24.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li għaddej ix-xogħol fi Triq Kent fejn tlestew is-sistemi tal-ilma u d-dranaġġ, u anke tlestew il-bankini. Is-Sindku qal ukoll li ser jibda jingħata t-tarmak.

**24.13.2** Il-Kuns M Lombardo staqsa meta ser jibda x-xogħol fi Triq l-14 ta' Diċembru 1945, fejn għal dan is-Sindku wieġeb li meta titlesta Triq il-Karmnu peress li ma jistgħux jingħalqu ż-żewġ toroq.

## 24.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**24.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7215/25/9** 'Sabiex issir ħarġa fix-xahar ta' Novembru 2025 għas-somma ta' mhux aktar minn €600 (six hundred euro).'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.14.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qara stqarrija rigward il-festa annessa bħala 'Dok F'.

**24.14.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7216/25/9** 'Sabiex jiġi organizzat kunċert fl-okkażjoni ta' Jum il-Fgura nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2025 bil-parteċipazzjoni tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura għal spiża ta' mhux aktar minn €7500.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.14.4** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7217/25/9** 'Sabiex issir Wirja Ħiliet il-Fgurin għall-perjodu ta' Settembru/Ottubru 2025 bi spiża ta' €3500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.14.5** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni rringrazzja lil kull min ħadem sabiex setgħet issir il-festa, b'mod speċjali lill-Kuns M Lombardo.

**24.14.6** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li fir-rigward tal-kors ta' 3D printing ser jinfetħu l-applikazzjonijiet f'Awwissu.

**24.14.7** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li tingħaqad mal-kumplament tal-membri tal-Kunsill sabiex tirringrazzja lil min ħadem għall-festa, fejn hi wkoll attendiet għall-attivitajiet li saru fosthom il-Fgura Fest, u l-kunċert imtella mill-każin tal-Banda fejn kienet preżenti wkoll il-President ta' Malta għall-ftuħ uffiċjali tal-każin.

**24.14.8** Il-Kuns J Scicluna qalet li baqgħet taħdem u ltaqa s-Sotto Kumitat Nisa fis-Soċjetà bi preparazzjoni għall-attivitajiet li ġejjin għax-xhur tax-xitwa.

Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7218/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova sessjonijiet tal-Yoga u Well Being, taħdidiet edukattivi ta' mhux aktar minn €400 li jibdew minn Settembru sa Diċembru 2025. 8 Sessjonijiet ta' sagħtejn il-waħda total ta' €400.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.15 STAFF

**24.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmitu s-Segretarju Eżekuttiv għax avviċinawha l-ħaddiema peress li jixtiequ li ma jaħdmux sal-16:45 fix-xitwa u jaħdmu dejjem sat-15:30 bis-sajf ukoll, biex b'hekk jaħdmu tmien siegħat is-sena kollha. Is-Sindku qara direttiva maħruġa mid-Dipartiment rigward siegħat ta' xogħol annessa bħala 'Dok Ġ'. Il-Kuns C Bonello qal li sat-15:30 huwa kmieni wisq u għallinqas il-ħin għandu jkun sa l-16:00. Il-Kuns J Scicluna qalet li taqbel mat-talba tal-ħaddiema għax fis-sajf il-ħin ser jiżdied. Il-Viċi Sindku qal li mil-lenti tar-resident huwa kontra din it-talba u jaqbel mal-Kuns C Bonello li ta' l-inqas il-ħin għandu jkun sa l-16:00. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-pubbliku xorta ser jinqeda għax il-ħlasijiet huma sa 12:00. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk tistax issir roster, fejn għal dan is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li roster mhux ser taħdem. Il-Kuns R Deguara qal li minħabba d-Day Centre u l-ħruġ li jorganizza hija problema li l-Kunsill jiftaħ fit-8:00. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li jekk il-ħaddiema jaċċettaw, jaħdmu sa l-16:00 fix-xitwa u dik in-nofs siegħa kuljum li tinħadem żejda fix-xitwa, titnaqqas fis-sajf.

## 24.16 PURCHASE REQUEST FORM

**24.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7219/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Lulju 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Il-Viċi Sindku

Il-Kuns I Catania De Giovanni ħareġ mill-kamra fis-18:50.

Il-Kuns I Catania De Giovanni daħal fil-kamra fis-18:52.

## 24.17 ĦLASIJIET

**24.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7220/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 11/06/2025 sa 16/07/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Il-Viċi Sindku

## 24.18 AĠĠORNAMENT

**24.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:54 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Awwissu, 2025 fil-17:30hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 23 ta' Lulju, 2025

Dok 'A'
4.

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Andre Mizzi <andremizzi2008@gmail.com> |
| **Sent:** | Wednesday, 23 July 2025 12:31 |
| **To:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council |
| **Cc:** | clayton; Fgura Local Council at Fgura Local Council; Lincoln Cowles |
| **Subject:** | Tfakkira: formola tan-nominazzjonijiet |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Il-wara nofsinhar it-tajjeb!

Qed niktiblek sabiex ġentilment, mill-ġdid tfakkar lill-Kunsilliera sabiex jimlew il-formola ta' nomini għal Jum il-Fgura 2025.

Taqta s-sottomissjonijiet tas-Sindku, ħadt għadu ma mela l-formola li tagħlaq fl-aħħar tax-xahar - 8t ijiem oħra.

Il-kumplament tal-jum it-tajjeb,
Andre Mizzi

Dok 'B'

# Fgura Local Council at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Wednesday, 16 July 2025 15:53 |
| **To:** | Clayton Portelli Cascun; Darren M; Charles Bonello; Ray Deguara; Mark Lombardo (lombardomark1966@gmail.com); Josianne Scicluna; Izak; Adrian Tanti; Ryan Ellul |
| **Cc:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Subject:** | Allokazzjoni ta' Fondi addizzjonali relatati mal-Appell |

Għeżież Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera,

Qed nikteb b'urġenza sabiex nitolbu l-approvazzjoni tagħkom għall-allokazzjoni ta' fondi addizzjonali relatati mal-appell li qed jiġi ppreżentat f'isem il-Kunsill. Il-baġit ta' €2,000 li ġie approvat mill-Kunsill mhux se jkun biżżejjed, peress li l-ispejjeż totali tal-appell ser jammontaw għal €3,550. Dan l-ammont ikopri biss l-ispejjeż relatati direttament mal-proċess tal-appell, u ma jinkludix ebda ħlas għal professjoni legali mitluba mill-Kunsill, kif ġie mifhum qabel.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan, qed nitolbu li tapprovaw minnufih id-differenza ta' €1,550 sabiex il-proċess ikun jista' jkompli mingħajr dewmien.

Jekk sa għada fl-10:00am ma nirċevux risposta mingħandkom, dan se jitqies bħala approvazzjoni awtomatika sabiex ma jintilifx żmien prezzjuż u jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Kunsill u tar-residenti.

Napprezzaw l-kooperazzjoni tagħkom.

Tislijiet,

Ann Marie Gatt
Administration Officer II
Fgura Local Council
Port Regional Council

t +356 21664000 e ann-marie.gatt.1@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail 126/128, TRIQ

Dok 'Ċ'

**Apprezzament Sħiħ lill-Kunsilliera - F'isem il-Lokal tagħna, il-Fgura**

Illum irrid nitkellem mhux biss bħala Sindku, imma bħala wieħed minnkom - bħala xi ħadd li jħobb dan il-lokal, in-nies tiegħu, l-familji tiegħu u l-futur tiegħu.

Matul din il-ġimgħa li għaddiet, quddiem sfida mportanti u deċiżjoni kruċjali, il-Kunsilliera tal-Fgura wrew mhux biss sens ta' responsabbiltà imma qalb kbira, viżjoni miftuħa u sens ta' ġustizzja. Quddiem sitwazzjoni urġenti, bbażata fuq fatti u spjegazzonijiet ċari mill-amministrazzjoni tagħna (li kienu spjegati fid-dettall fl-email mehmuża), dawn il-kunsilliera għamlu dak li kellu jsir - approvaw l-ammont mitlub sabiex inkunu nistgħu nippreżentaw appell ta' mportanza quddiem l-EPRT.

Dan mhux biss vot tekniku. Dan kien vot favur il-Fgura. Vot favur gustizzia għall-lokal tagħna. Vot favur futur aktar ħieles minn deċiżjonijiet li jheddu l-karattru u l-kwalità tal-ħajja tagħna.

Għalhekk minn qalbi - GRAZZI.

Grazzi lis-Sur Ray Deguara, lil Dr Ryan Ellul, lis-Sur Charles Bonello, lis-Sur Izak Catania De Giovanni u lis-Sur Mark Lombardo. Intom wrejtu x'inhi t-tmexxija vera. F'dan il-mument tant importanti, ma ċedejtux ghall-pressjonijiet. Ma ddejaqtux. Mortu b'kuraġġ favur il-ġid komuni.

Grazzi wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv talli mxiet b'mod professjonali u b'għarfien ċar tal-proċessi sabiex dan l-appell seta' jiddaħħal fil-ħin.

Grazzi lill-professjonisti li assistew lill-Kunsill sabiex l-appell seta' jiġi intavolat.

Ix-xogħol tagħna ma jieqafx hawn. Dan kien biss pass minn ħafna. Bħala Kunsill se nibqgħu għaddejjin b'ħidma bla heda. Il-komunità tagħna jistħoqqilha Kunsill li jisma', li jħares u li jiġġieled għaliha. U dan il-mument hu xhieda ta' dak li nistgħu niksbu meta naħdmu flimkien.

16. 'Dok D'

# MOZZJONI: Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – '*Carrying Capacity'*

**LIL:** Il-Kunsill Lokali ta'Fgura

**MINN: Charles Bonello, Sekondata minn Mark Lombardo**

**SUĠĠETT:** Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp Carrying Capacity'għall-lokalità ta' Fgura

**Data:** 14/07/2025

Dan il-Kunsill ghandu jara li mill-aktar fis possibbli jsir studju dwar il-*carrying capacity* fil-lokalita sabiex minnu johrog dawn ir-rizultat hawn taħt imsemmija:

**Definizzjoni:**

"Studju dwar il-'*Carrying Capacity*'" huwa essenzjali għal kull lokalita' sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-lokalita' tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li ikunu jistghu jibqghu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-istudju tal-carrying capacity jitkellem ukoll fuq il-massimu li raħal jew belt tista' tilħaq qabel ma tibda tiddeterjora u ssir insostenibbli.

**Għanijiet tal-Istudju:**

- Biex siru studji tal-'*Carrying capacity'* għal lokalità li permezz tiegħu jiġu żgurati l-investimenti infrastrutturali meħtieġa għal-lokalità għas-snin li ġejjin.
- Biex jiġu informati l-awtoritajiet tal-ippjanar u allura jiġu aġġornati l-*policies* neċessarji.
- Biex jiġi evitat żvilupp żejjed li jwassal għal degradazzjoni ambjentali;
- Biex jinkiseb bilanċ bejn tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà ekoloġika u soċjali.

Dok 'D'

**Parametri Ewlenin li għandhom jiġu Analizzati:**

**Kapaċità Ambjentali – inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Provvista tal' ilma
- Maniggjar tal-iskart (eż. drenaġġ)
- Kwalità tal-arja
- Żoni ħodor u jew kosti li joffru kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti

**Kapaċità ta' Infrastruttura - inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Toroq u traffiku
- Trasport pubbliku
- Provvista tal-elettriku
- Aċċess pedonali anke li jikkomodaw l-aċċess b'mod sostenibbli għad-djar residenzjali
- Aċċessibilta' għal persuni bi bżonnijiet partikolari

**Servizzi Soċjali - inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Kura tas-saħħa
- Edukazzjoni
- Servizzi ta' emerġenza u sigurtà

**Identita`- inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Sports
- Kultura u Wirt Storiku
- Tradizzjonijiet

**Użu tal-Art u re-zoning;**

**Pjanijiet (inkluż iżda mhux limitat) għal sitwazzjonijiet ta' emergenza**

Dok 'O'

**Riżultati mistennija minn din il-mozzjoni:**

- Linji gwida jew regolamenti dwar densità tal-bini;
- Proposti għal titjib infrastrutturali;
- Żoni ta' konservazzjoni ambjentali;
- Limitu massimu ta' residenti jew turisti;
- Użi sostenibbli tal-art li taqa' taħt id-domiċilju tal-kunsill lokali.

**Fil-Prattika:**

Tali studji għandhom jsiru minn esperti fil-qasam, awtoritajiet governattivi li jgawdu r-rispett u stima soċjali, qabel ma jsiru proġetti ta' żvilupp kbar, ippjanar ta' bliet jew ippjanar tat-turiżmu, sabiex jiġi evitat tkabbir li mhux sostenibbli u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja fit-tul.

**It-triq 'il Quddiem:**

Dawn l-istudji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorita' tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali.

Ukoll, il-Kunsill Lokali ta' **Fgura** għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe responsabbiltà jew deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' dan l-istudju.

| | |
|---|---|
| Proponent | Sekondant |
| Charles Bonello | Mark Lombardo |

17. Dok 'E'

~~Kontra Mozzjoni:~~ Dikjarazzjoni

**Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – *'Carrying Capacity'***

Il-Kunsill japprezza l-mozzjoni mressqa li tittratta oqsma li huma għal qalbna u nafu li huma wkoll għal qalb il-Gvern. Niddikjaraw li għandna fiduċja sħiħa li l-Gvern, anki permezz tal-Aġenziji u l-Entitajiet varji tiegħu, diġà qed jieħu ħsieb li jindirizza dawn l-istudji b'rispett sħiħ lejn il-bilanċ li jinħtieġ fi sfond ta' żvilupp ekonomiku, ambjentali, infrastrutturali u soċjali li qed ikompli jippermetti investiment qawwi u bla preċedent fil-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll.

Fuq livell reġjonali, il-Kunsilli Reġjonali diġà ħadmu fuq studji simili, fejn permezz ta' *social impact assessments* ġew identifikati t-temi soċjali ewlenin li għandhom jiġu ndirizzati. Dawn l-eżerċizzji wasslu biex jiġu mfassla strateġiji li qed jiġu żviluppati u mplimentati flimkien mal-Kunsilli Lokali, b' konsultazzjoni u involviment sħiħ tal-għaqdiet kollha u saffi differenti tas-soċjetà. Għaldaqstant, anki fuq livell lokali, il-Kunsilli Lokali u l-*istakeholders* kollha, ser ikollhom rwol ċentrali sabiex dak li nstab fuq bażi reġjonali jibda jiġi ndirizzat fil-komunitajiet tagħna.

Tajjeb infakkru li dan mhuwiex proċess li jsir darba biss, iżda seħħ bħala parti mir-riforma li l-Gvern wettaq fi-2019. Grazzi għal din ir-riforma, is-*social impact assessment* ser ikun qed isir kull ħames snin, biex b'hekk dejjem ikollna data attwali u rilevanti għall-kuntest li nkunu qegħdin ngħixu fih.

Għaldaqstant, niddikjaraw li mhux meħtieġ li ssir talba għall-istudju li qed jiġi propost, peress li dan jirrigwarda doveri li uħud minnhom huma ta' natura ċentrali filwaqt li oħrajn diġà qed jiġu ndirizzati b'mod serju u responsabbli, mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

Cusar

V/Sindku

Josianne Sant

Dok 'F'

Stqarrija - Festa Madonna tal-Karmnu 2025

F'Novembru tal-2023 l- Organizazzjoni Internazzjonali tal-UNESCO approvat it-talba tal-Għaqda Każini tal-Baned sabiex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Intanġibbli tal-Umanita'. Din it-talba, li sabet l-appoġġ sħiħ tal-Kurja Maltija u l-komunitajiet tal-festi Maltin, titfa fuqna piż kbir sabiex din il-kisba għal pajjiżna tkun sostnuta u mħarsa fis-snin li ġejjin.

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, matul dawn l-aħħar snin kien "stakeholder" ewlieni flimkien mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, il-Kummissjoni Festa Esterna u l-Parroċċa sabiex il-Festa tal-lokal tingħata l-importanza mistħoqqa. Dan nagħmluh mhix għall-konvenjenza, jew biex ningħoġbu ma' xi sezzjoni, imma għaliex nemmnu u konvinti, li din l-okkazzjoni hi parti importanti mill-identita' lokali tagħna.

Ħassejt li kelli nagħmel din l-istqarrija, biex kulħadd jifhem kemm hu importanti is-sehem u l-prezenza tal-kunsill lokali f'dawn il-ġranet.

Irrid għaldaqstanti magħmel xi ringrazzjamenti;

1, L-ewwelnett lill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-ħaddiema klerikali u manwali għall-għajnuna kollha. Min-naħa tal-uffiċċju tagħna, kienu kko-ordinati fost l-oħrajn il-permessi relatati mal-gabbani u l-ħwienet. Barra minnhekk kienu segwiti l-istruzzjonijiet fi ma jsirx ħruġ ta' permessi għall-makkinarju fit-toroq fil-ġranet tal-festi.

2. L-indafa - Nirringrazzja lill-ħaddiema kollha involuti għat-tindif li sar kemm qabel u anke wara l-attivitajiet. Sa minn gimgħat qabel kien hemm ko-ordinazzjoni sħiħa li inkludiet " road markings", qtugħ ta' ħaxix ħażin, ħasil ta' toroq ewlenin; ġbir "extra", kif ukoll servizzi oħra għall-kumdita' u l-konvenjenza tal-pubbliku, eċċ.

3. Is-sigurta' - apprezzament lill-forzi tal-ordni b'mod partikolari lill-pulizija u lil LESA, li kienu ta' għajnuna kbira mhux biss waqt il-ġranet tal-festi, imma anke sa minn ġimgħat qabel waqt l-armar u ż-żarmar.

4. Irrid ukoll nirringrazzja lis-Sindku tal-fduċja li wera fija meta fdani b'din ir-responsabbilta', kif ukoll lill-kunsilliera kollha li kenu preżenti waqt iċ-ċelebrazzjonijiet,

5. Fl-aħħarnett grazzi lir-residenti, għaqdiet, u sidien ta' negozji għall-parteċipazzjoni u l-ko-operazzjoni tagħhom, li kienu ferm apprezzati.

**Mark Lombardo**

Kunsillier responsabbli mill-Festa